MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Numru 1023/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Spiridione sive Dione Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Spiridione sive Dione Falzon ta’ 45 sena bin Emanuel u Rita nee’ Scerri imwieled Marsa fil-11 ta’ Mejju, 1957 u residenti 79, Okaida, Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun detentur ta’ karta ta’ identita numru 347457(m) akkuzat talli:

1. fis-26 ta’ Ottubru 2002 ghall-habta tas-6.00 ta’ filghodu fil-Hamrun hebb ghas-surgent 86 Anthony Lia u membri ohra tal-Korp tal-Pulizija u kkagunalhom griehi ta’ natura

hafifa skond kif iccertifika Dr. P Galea M.D. ta’ l-isptar San Luqa;

2. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi P.S. 86 u ufficjali ohra li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni u l-kwiet pubbliku;

4. fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet leggettimi tal-pulizija jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

5. fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ P.S. 86 u ufficjali ohra bhala persuni li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni li ppersista fiha anke waqt li l-Qorti tahtu zmien biex jahsibha.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-artikolu 95, 96, 338(dd)(ee) u 17 tal-Kap 9 u tikkundannah multa ta’ hamsin lira (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------